MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 220/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Dr. Frank Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Dr. Frank Portelli fil-kwalita` tieghu ta' Direttur u Chief Executive Officer ta' St. Philip's Hospital, Sta Venera talli, meta fit-3 ta' Novembru 1999 l-ex impjegat tieghu Vincent Bianco tah avviz ta' temm ta' impjieg li kellu jkun ta' erba' gimghat:

(1) naqas li jhallieh jahdem l-istess avviz u naqas li jikkumpensah fl-ammont ta' Lm492.99;

(2) naqas ukoll li jhallas lill-istess Vincent Bianco ghal 565 sieghat sahra fl-ammont ta' Lm2628.46 u bonus ghall-posizzjoni li hu kellu fl-ammont ta' Lm200;

(3) naqas ukoll li jhallas lill-istess Vincent Bianco s-somma ta' Lm579.25 bhala hlas extra ghal 331 operazzjoni skond l-istess ftehim.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imputat li jhallas lil Vincent Bianco s-somma ta' Lm3900.70 kif spjegat aktar 'il fuq;
Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Novembru 2003 li permezz taghha lliberat lill-imsemmi Dr. Frank Portelli mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fid-19 ta' Novembru 2003 fejn talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, wara li jigu evalwati mill-gdid il-provi, issib u tiddikjara htija ta' l-istess appellat fl-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, inkluza l-ordni ghall-hlas kif mitlub originarjament fic-citazzjoni mill-prosekuzzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Skond l-appellat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali huwa null peress li r-riassunt tal-fatti huwa erroneju. Din l-eccezzjoni hija bbazata fuq dak li jipprovdi l-artikolu 419(1)(a) tal-Kodici Kriminali li testwalment jghid hekk:

**"(1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita` -**
**(a) il-fatti fil-qosor".**

Kif dejjem gie ritenut, bil-"fatti fil-qosor" wiehed jifhem il-fatti saljenti tal-kaz, esposti b'mod car izda konciz, u b'tali mod li l-kontroparti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruhha jew tittratta u din il-Qorti tkun tista' ssegwi

sewwa l-isvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjarimenti mehtiega.

Bil-mod kif l-appellant espona l-fatti fil-qosor, ir-rekwizit taht l-artikolu 419(1)(a) hu soddisfatt. Ghall-fini ta' konsiderazzjoni ta' din l-eccezzjoni preliminari, mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tipprova tara jekk il-fatti kif esposti mill-appellant b'mod konciz, li pero` mill-ewwel jaghtu l-indikazzjoni rikjesta ta' x'inhuma l-fatti allegati mill-appellant, humiex korretti jew le. Dik hija kwistjoni ta' mertu li jigi trattat waqt il-konsiderazzjonijiet dwar il-mertu tal-kaz.[1] Ghalhekk din l-eccezzjoni hija michuda.
It-tieni eccezzjoni ta' l-appellat hi fis-sens li l-prosekuzzjoni ma ndikatx liema prova giet impeduta milli tingieb. Effettivament fil-parti preliminari tar-rikors ta' appell tieghu, u cioe` f'dik il-parti intestata "Dati procedurali", l-appellant Avukat Generali jghid li huwa qieghed jintavola appell, *inter alia*, taht l-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodici Kriminali peress li l-Pulizija giet impeduta fil-kawza li ggib prova determinanti biex isahhah l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellat. Pero`, kif korrettement osserva l-appellat, l-appellant imkien ma jsemmi fir-rikors ta' appell tieghu liema prova kienet impeduta l-Pulizija milli ggib quddiem l-ewwel Qorti. Anzi, jidher li jinsa li qal li din kienet wahda mir-ragunijiet li ghaliha qed jintavola l-appell, peress li lanqas jaghmel talba biex tinstema' xi prova li l-Pulizija suppost giet impeduta milli ggib. Sahansitra fit-talba tieghu jaghmel biss riferenza "ghall-atti tal-kawza u ghall-provi prodotti". Minn ezami ta' l-atti tal-kawza jirrizulta li fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2001 il-prosekuzzjoni ddikjarat li l-provi taghha kienu maghluqa u mkien ma tirrizulta xi talba biex tigi prodotta xi prova u li l-ewwel Qorti impediet li din tingab. Ghalhekk f'din it-tieni eccezzjoni l-appellat ghandu ragun izda billi l-appellant ma ghamilx talba biex tingab prova li l-ewwel Qorti mpediet lill-Pulizija milli ggib, ma hemm lok li jinghata l-ebda provvediment f'dan ir-rigward.

L-aggravju ta' l-Avukat Generali kif jirrizulta mir-rikors ta' appell fil-fatt hu fis-sens li l-ewwel Qorti erronejament

[1] Ara f'dan is-sens ukoll Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Anthony Gafa`**, 15 ta' Gunju 2001.

ikkonkludiet li l-appellat (allura imputat) ma kellu ebda rapprezentanza tas-socjeta` Golden Shepherd Group Ltd. meta kemm fattwalment kif ukoll legalment dan ma kienx minnu. Ighid li fattwalment jirrizulta (b'riferenza specifika ghall-ittra li tinsab esebita a fol. 25 u 26 tal-process) li l-imputat kellu bil-miktub relazzjoni u vinkolu kontrattwali ma' Vincent Bianco, specjalment f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' impieg li l-istess Bianco kellu ma' Golden Shepherd Group Ltd. Legalment imbaghad, ighid l-appellant, l-ewwel Qorti applikat hazin l-artikolu 42 tal-Kap 135 li jaghmilha cara li tkun ir-responsabbilta` penali ta' kull persuna li fiz-zmien li jkun sar ir-reat minn socjeta`, kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta' dik is-socjeta`, kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, jew kienet tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali. Tali persuna, ikompli jsostni l-appellant, titqies li tkun hatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat. Il-Kap 135 jaghmel applikabbli wkoll, fi hdan ir-responsabbilta` penali komminata, dak li jiddisponi l-artikolu 24 tal-Kodici Kriminali. Fil-kaz odjern, l-appellat b'ebda mod ma ezonera ruhu jew ittenta jezonera ruhu minn tali oneru ta' prova skond il-ligi u ghalhekk ghandha tinstab htija fih ghar-reati addebitati lilu.

Issa kemm l-artikolu 42 tal-Kap 135 (l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg - applikabbli ghall-kaz in ezami) kif ukoll l-artikolu 13 tal-Kap 249 (l-Att dwar l-Interpretazzjoni) joholqu r-responsabbilta` penali vikarja ta' direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' korp jew ghaqda ta' persuni ghar-reati kommessi minn tali ghaqda jew korp. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Bonnici** deciz fis-26 ta' Mejju 1995 meta kienet qed tittratta l-pozizzjoni taht l-artikolu 322 tal-Kap 10 flimkien ma' l-artikolu 13 tal-Kap 249, izda li huwa applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:

*"Iz-zewg disposizzjonijiet jistabilixxu wkoll id-difiza li tista' tingieb 'il quddiem minn tali direttur, manager, segretarju, ecc. meta jigi msejjah biex iwiegeb ghar-reat* *__kommess__*

*<u>mill-imsemmija ghaqda jew korp</u>. Pero` t-tahrika tohrog dejjem kontra l-imsemmi direttur, manager, segretarju ecc. f'ismu personalment, fis-sens li hu <u>personalment</u> irid iwiegeb ghall-akkuza u f'kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta` personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu. Mill-banda l-ohra, meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess mill-ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuza -* ***<u>mhux</u> fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe` <u>mhux</u> fl-okkju tal-kawza*** *- ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi msejjah iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda; cioe`, ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imharrek jew akkuzat minhabba r-responsabbilta` vikarja tieghu. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indikazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu: altru wiehed irid iwiegeb ghal reat kommess minnu stess, altru jekk irid iwiegeb ghal reat kommess minn haddiehor (f'dan il-kaz, mill-ghaqda jew korp)."*

Fil-kaz in ezami l-appellat gie mharrek fil-kwalita` tieghu ta' Direttur u Chief Executive Officer ta' St. Philip's Hospital. Fl-espozizzjoni tal-fatti tieghu l-appellant isostni li s-socjeta` li fil-fatt kienet timpjega lil Vincent Bianco kienet Golden Shepherd Group Ltd. "li kienet socjeta` sussidjarja tal-istess St. Philip's Hospital". Isostni wkoll li l-appellat "fil-vesti tieghu bhala Direttur u Chief Executive Officer ta' St. Philip's Hospital, kellu ftehim u relazzjoni guridika bil-miktub ma' Vincent Bianco kwantu jirrigwarda l-impieg u partikolarment l-kundizzjonijiet ta' impieg ta' dan tal-ahhar".

L-uniku punt li dwaru l-appellant huwa korrett hu li l-kumpanija li kienet timpjega lil Vincent Bianco kienet is-socjeta` bl-isem Golden Shepherd Group Ltd., b'dan li l-isem preciz ta' din is-socjeta` huwa "The Golden Shepherd Group Ltd.". Dan jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt ta' impieg esebit minn Ivan Spiteri (ghall-prosekuzzjoni - a fol. 17 sa 23) u kopja ohra ta' l-istess kuntratt esebit mill-appellat (a fol. 73 sa 79). Minn imkien ma jirrizulta pero` li

din il-kumpanija kienet "socjeta` sussidjarja ta' l-istess St. Philip's Hospital". Ghall-kuntrarju, dak li jirrizulta hu li l-isptar maghruf bhala St. Philip's Hospital kien qieghed jigi gestit mill-imsemmija kumpanija u li r-*registered address* ta' din il-kumpanija tinsab proprju fl-imsemmi sptar (ara l-ittra datata 1 ta' Gunju 1998 lil Vincent Bianco mill-allura direttur ta' l-isptar Dr. Frank Bartolo u kontrofirmat mill-istess Vincent Bianco kontenenti xi emendi ghall-kuntratt ta' impieg - a fol. 24). L-ittra tal-5 ta' Frar 2000 (a fol. 25 u 26) li ghaliha jirreferi l-appellant u li skond hu tikkostitwixxi prova tar-relazzjoni guridika bejn l-appellat u Vincent Bianco, hija ittra fuq *letterhead* ta' St. Philip's Hospital iffirmata mill-appellat bhala "Director & CEO" li fiha l-appellat jaghmel riferenza specifika ghall-impieg ta' Vincent Bianco *"with the company"* kif ukoll ghall-kuntratt ta' impieg. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-kumpanija The Golden Shepherd Group Ltd. u St. Philip's Hospital huma l-istess entita`, ossia li St. Philip's Hospital issa ghandha l-personalita` guridika taghha. Ir-relazzjoni guridika ta' Vincent Bianco hija mal-kumpanija msemmija. L-appellat ma giex imharrek f'isem dik il-kumpanija izda f'isem entita' li m'ghandhiex personalita` guridika u li m'ghandhiex ghalhekk relazzjoni guridika ma' Vincent Bianco. Certament il-pozizzjoni setghet tkun differenti li kieku l-appellat gie msejjah biex iwiegeb ghal reati allegatament kommessi mill-kumpanija in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 42 tal-Kap 135 li persuna tista' titqies responsabbli anke jekk "tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali" msemmija fl-istess artikolu. Is-sitwazzjoni setghet sahansitra giet rettifikata mill-bidu nett tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti meta xehed ir-rapprezentant tad-DLE Ivan Spiteri u esebixxa kopja tal-kuntratt ta' impieg u meta fix-xiehda tieghu stess indika li l-kumpanija kien jisimha Golden Shepherd Group. Izda d-differenza li tghaddi bejn il-kumpanija li kienet qed timpjega lil Vincent Bianco u l-isptar gestit minn dik il-kumpanija ma gietx apprezzata. Ghaldaqstant din il-Qorti ssib li l-appell ta' l-Avukat Generali huwa infondat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------